**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR ELAINE RIZZO LL.D**

**Kaz Nru.: 3933/24**

**IL-PULIZIJA**

**kontra**

**MARK MALLIA**
**(I.D. No. 0126988(M))**

**Illum, it-22 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat, **Mark Mallia**, ta' 36 sena iben Francis u Alexandra nee' Ellul, residenti ġewwa 97, Gnejna Mans Blk D, FL 3, Triq Sant'Antnin, Zabbar, Malta, detentur ta karta ta Identita Maltija numru 0126988M, mwieled gewwa il-Pieta', Malta, nhar il-05/03/1988, akkuzat talli;

1. Bejn iż-żmien ta 1 ta' Lulju 2023 il-quddiem, ġewwa l-Għassa ta Żabbar Malta, u/jew f' dawn il-gżejjer, naqas milli jħares xi waħda, w/jew aktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest imposti fuqu nhar l-24 ta' Mejju 2023 b'digriet mill-Maġistrat Dr. Joseph Mifsud LL.D, f'dan li biħ ingħata l-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet fosthom li jider għal kull atta tal-proċess fid-data, lok u ħin li jiġu lilhu ordnati min kwalunkwe Qorti, li jirraporta l-għassa tal-Pulizija tad-Distrett ta' fejn joqgħod jiġifieri fl-għassa ta' Ħaż-Żabbar kull nhar ta' erbgħa u Sibt bejn 08:00am u 20:00pm, kif ukoll li jirtira

ġewwa id-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mill 22:00pm ta filgħaxija u ma joħroġx min hemm qabel is-07:00am ta l-għada filogħdu. ***Artikoli 579(1) u (2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta***.

2. Ukoll talli, bejn iż-żmien ta' 30 ta' Mejju 2022 il-quddiem ġewwa l-Għassa ta Żabbar Malta, u/jew f' dawn il-gżejjer, naqas milli josserva l-obbligu impost fuqu mil-Maġistrat Dr Gabriella Vella LL.D skond il-verbal tal-kawża il-Pulizija vs Mark Mallia u Karl Mallia, imposti fuqu nhar it-30 ta' Mejju 2022 a bażi tal-Artikolu 412A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio' id-digrieti tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Nico Spalding, kif ukoll tordna is-somom bhala depozitu u garanzija personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Rat l-ammissjoni tal-imputat, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li din il-Qorti spjegat il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni, wara li tatu zmien sabiex jirtira l-istess u dana wara li jerġa' jirrikonsidra l-istess ammissjoni u jerġgħa jikkonsulta mal-avukat;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu ġew ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat ser jinsab ħati u l-fedina penali tal-istess imputat. Qieset l-ammissjoni bikrija tal-imputat fejn huwa irreġistra ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proceduri odjerni.

In kwantu għall-ewwel imputazzjoni qieset n-natura tal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest li kien prinċiplament jikkonsisti fuq nuqqas t'attendenza għal diversi seduti kif ukoll nuqqas t'ffirmar ġewwa għassa tal-pulizija fuq tul ta' żmien. Fil-fatt l-imputat kien ġustament ikkunsidrat bħala persuna li nħeba mill-awtoritajiet u dan sabiex jevadi l-proċeduri pendenti kontrieh. Huwa minnu li l-imputat f'xi okkażżjonijiet

żamm kuntatt permezz ta' posta eletronika mal-pulizija u wegħdhom li ser imur għand il-pulizija volontarjament. Madanakollu dan huwa m'għamlux u tali tentattivi jidher li kienu intiżi biss sabiex jipprova jevita l-arrest tiegħu. Dan fil-fehma tal-Qorti huwa ksur serju tal-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest fejn, għalkemm ma huwiex serju daqs meta persuna akkużata tikkommetti delitt volontarju ieħor, ma juri l-ebda forma ta' rispett lejn l-awtoritajiet inkarigati miż-żamma tal-ordni u l-awtoritajiet ġudizzjarji. Kuntrarjament, juri atteġjament ta' persuna li assolutament ma hijiex affidabbli u li ma tistax toqgħod għall-kundizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest. Konsegwentament din il-Qorti hija tal-fehma li piena ta' priġunerija effettiva tkun waħda l-iktar idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Finalment, in kwantu għat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tal-imputat, jingħad li bħala konsegwenza għal ksur ta' kundizzjonijiet mposti mill-Qorti a tenur tas-subartikolu 412A(1) tal-Kodiċi Kriminali, is-subartikolu 412A(3) tal-istess Kodiċi jipprospetta biss il-konfiska tal-garanzija u l-ħruġ ta' mandat t'arrest. Issa, mid-dokumenti ppreżentati jidher li għalkemm l-imputat ġie obbligat jiffirma darbtejn fil-ġimgħa a tenur tal-artikolu 412A tal-Kodiċi Kriminali, l-imputat ma ġiex ordnat jippresta garanzija għall-osservanza ta' dik il-kundizzjoni għaldaqstant ma hemmx lok għall-konsegwenza u/jew konfiska tal-garanzija fil-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija vs. Mark Mallia et* (Kump Nru. 20/22).

**Decide:**

Għal dawn il-mottivi, wara li rat l-artikoli 49, 50, 412A u 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lil qua imputat, Mark Mallia, ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u konsegwentament qed tikkundannah għal piena ta' tminn xhur priġunerija effettiva.

In oltre a tenur tas-subartikoli 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, qed tordna l-konfiska ta' sitt mitt Ewro (Eur. 600) rappreżentanti parti mid-depożitu ppreżentat bħala garanzija għall-osservanza tad-Digriet tal-Ħelsien mill-Arrest mgħoti mill-Qorti tal-Maġistrati nhar l-24 ta' Mejju 2023 fil-kawża fl-ismijiet *l-Pulizija (Spettur Keith Xerri) vs. Mark Mallia* (Kump. Nru. 264/23) kif ukoll qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest mgħoti permezz tal-istess Digriet (hawn fuq imsemmi f'dan il-paragrafu) u tordna ri-arrest tal-ħati.

Il-Qorti qegħda tordna komunika ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali anke bil-għan li l-istess tiġi nserieta permezz ta' nota fl-atti fl-ismijiet *l-Pulizija (Spettur Keith Xerri) vs. Mark Mallia* (Kump. Nru. 264/23) u l-*Pulizija vs. Mark Mallia et* (Kump Nru 20/22).

Finalment din il-Qorti qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO B.A., LL.D.**

Christine Farrugia
**Deputat Reġistratur**